Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Marzu 2022**
**(OR. fr)**

**7240/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0418(CNS)**

**UK 45**
**FISC 75**
**ECOFIN 231**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/118/KE u d-Direttiva (UE) 2020/262 (riformulazzjoni) fir-rigward tal-ħwienet ħielsa mit-taxxa li jinsabu fit-terminal Franċiż tal-mina taħt il-Kanal Ingliż |

1. Fis-16 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq. L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi awtorizzat il-ftuħ mill-ġdid tal-ħwienet ħielsa mit-taxxa fit-terminal Franċiż taċ-Channel Fixed Link wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa eżaminaw il-proposta fl-14 ta' Jannar u fil-11 ta' Frar 2022 rispettivament. Ebda delegazzjoni ma qajmet oġġezzjonijiet għat-test tal-abbozz ta' direttiva.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Frar 2022[1], filwaqt li l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ingħatat fid-9 ta' Marzu 2022[2].

[1] ECO/578.
[2] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2022-0035_MT.html

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-direttiva tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, li t-test tagħha, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokument 6800/22.